# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 477/95 MM**

**Paul Buttigieg u mart l-istess Maria Buttigieg ghal kull interess li jista' jkollha.**

**vs**

**Joseph Aquilina bhala ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta u okkorendo ghan-nom u fl-interess Veneranda Lampada tal-Knisja Parrokjali Basilika tal-Isla u b'nota tad-9 ta' Jannar 2001 stante l-mewt ta' Joseph Aquilina, Vincent E. Ciliberti assuma l-atti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-16 ta' Ottubru, 1995, f'din il-kawza, liema sentenza taqra hekk :-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-18 ta' Mejju 1995 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikjara u tiddeciedi li l-mandat ta' zgumbrament numru 454/85 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet inversi huwa rritu u null ghaliex mahrug hazin, u dan peress illi l-proprjeta' in materia giet trasferita mill-konvenut lill-Gvern ta' Malta, liema Gvern diga' ha pussess tal-proprjeta' in kwistjoni u talab li l-attur jigi zgumbrat mill-fond imsemmi permezz ta' mandat ta' zgumbrament iehor numru 44/95 mahrug fit-22 ta' Novembru 1994.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa li d-domanda attrici hi nfondata u ghandha tigi michuda.

Il-fond krud hu li l-attur odjern gie <u>kundannat</u> jizgombra mill-fond imsemmi fl-avviz b'sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju 1992 konfermata fl-appell fit-22 ta' April 1993, dan il-gudikat ghandu, anki fl-interess pubbliku, jigi onerat u osservat.

Hu minnu li fit-28 ta' Novembru 1991 kien sar Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta dwar it-trasferiment lill-istat ta' dik il-proprjeta' immobbli f'Malta li ma hijiex mehtiega mill-Knisja ghall-skopijiet pastorali – ftehim illum inkorporat fl-Att IV ta' 1992 – pero' l-artikolu 12 ta' l-istess ftehim jghid testwalment li "ecclesiastical property to be transferred to the state …… which is the subject-matter of a lawsuit to which an ecclesiastical entity is a party, shall not be transferred to the State before such suit is determined by means of a final judgement or of a compomise between the parties".

Il-fond "de quo" kien "the subject matter of a lawsuit", li, skond il-konvenut odjern, tittermina <u>meta jintlahaq l-iskop tal-kawza</u> cioe' l-izgumbrament tal-attur odjern u r-rientu tal-fond fid-disponibilita' tal-Knisja. Veru li kien sar zball billi l-Joint Office mwaqqaf bl-imsemmi Att ipprova jizgombra hu lill-attur odjern pero' ovvjament billi l-Gvern ma kienx parti fil-proceduri msemmija hu ma setax jitlob l-esekuzzjoni tas-sentenza li fiha ismu ma kienx jidher. Hu x'inhu, zball m'ghandux jiggjova lill-attur odjern sal-punt li jirrendieh kompletament immun mill-proceduri intizi biex jintlahaq l-iskop tal-gudikat kontrih ghax zball simili mhux wiehed mill-modi rikonoxxuti mil-ligi biex tisfa fix-xejn sentenza.

Ghalhekk, l-istanza odjerna ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma pacifici bejn il-partijiet ;

Il-Kurja Arciveskovili kienet istitwiet kawza ghall-izgumbrament tal-attur Paul Buttigieg mill-fond 60, Triq San Frangisk, Senglea. Din l-istanza kellha esitu favorevoli anke fl-istadju tal-Appell fejn il-kawza giet definittivament deciza fit-22 ta' April 1993.

Fil-frattemp gie pubblikat l-Att IV tal-1992 dwar it-trasferiment ta' beni immobbli mill-Knisja ghall-istat li kellu bhala data operattiva tat-18 ta' Frar 1993 f'liema data l-kawza kienet ghadha quddiem il-Qorti tal-Appell. F'dan l-istadju, l-Kurja Arciveskoviili kienet ghada awtorizzata tipposegwixxi bil-kawza in forza tal-Art 12 tal-att fuq imsemmi kif ikkwotat mill-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Wara s-sentenza mill-Qorti tal-Appell kien hemm korrispondenza bejn il-"Joint Office" u l-Kurja dwar l-esekuzzjoni tas-sentenza u fit-22 ta' Novembru 1994 dik ta' l-ewwel applikat ghal mandat ta' zgumbrament ta' Buttigieg in forza tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Naturalment peress li l-okkju tal-Mandat ma kienx jaqbel ma dak tal-kawza ghar-ragunijiet ovvji, dan il-Mandat ma giex milqugh u b'ittra datata 3 ta' Marzu 1995, il-Joint Office tat istruzzjonijiet lill-Kurja Arciveskovili biex tipprova tizgombra lil Buttigieg hi. Dan ghamlitu bil-mandat numru 454/95 li gie milqugh. Pero' b'din l-istanza l-attur Buttigieg qed jattakka l-validita' tal-mandat ghas-segwenti ragunijiet :-

1. Illi d-dispost tal-artikolu 12 tal-Att IV 1992 gie sodisfatt bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li kienet "a final judgement …….." f'liema data l-proprjeta' ghaddiet f'idejn l-istat.

2. Illi darba kien hemm dan it-trasferiment il-Kurja ma kellhiex aktar interessi guridiku li tassokta bl-esekuzzjoni.

Ikkunsidrat :-

Illi l-Qorti lesta tikkoncedi li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienet wahda finali fit-termini tal-Artikolu 12 fuq imsemmi pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-Kurja giet svestita kompletament mill-promozzjoni ta' kwalunkwe att sussegwenzjali u kondizzjonat ghas-sentenza principali. X'kien jiswa li l-Kurja tibqa ssegwi l-kawza sad-decizjoni definittiva taghha biex imbaghad ma tista taghmel xejn aktar! Kieku l-legislatur ried li dawn il-kawzi ma kellhomx jibqghu sejrin ghal konkluzzjoni logika taghhom ma

kienx ihalli l-Kurja tiehu hsieba u kien jittrasferixxi mal-ewwel d-drittijiet litiguzi lill-istat biex wara jakkwista t-titolu esekuttiv hu. Fil-fatt pero' mhux hekk gara u d-drittijiet litiguzi baqghu vestiti f'idejn il-Kurja sakemm kien ghad fadal drittijiet x'jigu vestiti u dana minkejja li l-proprjeta' ghaddiet f'idejn l-istat.

Ma hemmx dubbju, li l-esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat hu dritt litiguz pertinenti lir-rebbieh peress li hawn ukoll din l-esekuzzjoni tista' tigi kontestata u tkun soggetta ghal litigazzjoni kif fil-fatt gara f'dan il-kaz. L-istat m'ghandu l-ebda "locus standi" fil-kawza avolja l-proprjeta' hija tieghu u korrettament,l-attur Buttigieg ghazel li jharrek lill-Kurja biss u mhux ukoll l-Istat ghax kienet il-Kurja li ezercitat dan id-dritt taghha permezz tal-mandat fuq imsemmi u bil-promozzjoni ta' din l-istanza l-attur Buttigieg qieghed direttament jirrikonoxxi dan id-dritt meta hu stess poggieh in litigazzjoni ad esklukazzjoni tad-drittijiet reai li issa ghandu l-Istat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti jidhrilha li dan l-ewwel argument ta' l-attur ma jreggix u l-Kurja Arciveskovili kellha kull dritt jitlob l-esekuzzjoni ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat favur taghha avolja fil-frattemp il-proprjeta' tkun ghaddiet f'idejn terzi.

It-tieni argument ta' l-attur hu li la darba sar it-trasferiment tad-dritt reali ta' proprjeta' l-Kurja ma' ghandhiex aktar interess guridiku li tissokta bil-kawza.

Bir-rispett, din il-Qorti ma taqbel xejn b'dan l-argument peress li mhux konformi mat-taghlim ta' gurisprudenza lokali u dik estera.

Fil-kawza <u>Axiak vs Mizzi</u> (Vol XXXVI PII P532) il-Qorti qalet li : L-interess f'min jaghmel kawza ma hemmx bzonn li jkun patrimonjali imma jista; jkun anke morali u astratt, purche' jkun ta' natura giuridika, jigifieri li jkun jikkorrespondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk hu bizzejjed biex jirradika dak l-interess, anke semplici dritt onorifiku. Lanqas ma hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u proprju imma hu bizzejjed li l-esistenza tad-dritt tkun minaccjata ………"

Bl-agir tieghu, l-attur qed jimminaccja dritt kwezit mill-Kurja Arciveskovili dak li jkollhom vakant il-fond numru 60, Triq San Frangisk, Senglea, liema dritt hu materjali, attwali u legittimu u ghalhekk il-Kurja ghandha interess li telimina sitwazzjoni ta' pregudizzju b'kull azzjoni gudizzjarja li hemm disponibbli ghaliha.

Fl-esteru kien hemm pronuncjament proprju fuq dan il-punt u fil-kawza <u>"Meddago Albani vs Comm Grunnello del Monte"</u> (Repertorio Generale Annuale Del Foro Italiano" Vol 92 1969 no

102 Cass 20/5/1969 n 1761) intqal li : “L-interesse ad agire di cui all’art 100 proc civ sussiste anche nella ipotesi che l-attore tenda, con l’esercizio dell azione giudiziaria, ad eliminare una situazione di incertezza relativa alla esistenza di un suo diritto soggettivo.”

L”azzione giudizziaria” f’dan il-kaz mhux limitat biss ghall-kawza fil-kontezjuz imma ghal dak kollu li jirrikjedi intervent giudizzjarju biex tigi sanata sitwazzjoni ta’ incertezza mahluqa minn xi att illegali ta’ terzi.

L-istess fil-kawza <u>“La Castro vs Min Finanzi”</u> (No 119 Reperatorio ….. ef supra 19/6/1972 n 1934) “Nel vigente ordinamenti giuridico processuale e’ incontestabile l’ammissibilita’ dell’azione di mero accertamento, in relazione alla quale l’interesse ad agire puo’ essere anche quello diretto ad raggiungimento di una certezza giuridica, ossia all’accertamento di un diritto proprio o dell’inessistenza di un diritto da altri vantato ; l-interesse in tal casu nasce dall incertezza oggettiva di una situazione, provocato da un atto o fatto esterioe che sia tale da ingenerare uno stato di dubbio sulla concreta volonta della legge, e quindi un pregudizio per la cui eleminazione sia necessaria una pronuncia de giudice.”

Bir-rifjut tieghu li javvaka l-fond fit-terminu lilu koncess wara sentenza definittiva, l-attur ikkrea “uno statu di dubbio sulla concreta volonta’ della legge” u l-unika mezz kif dan l-istat jigi sanat huwa permezz ta’ “una pronuncia del giudice” tramite l-mandat tal-izgumbrament li huwa meritu ta’ din il-kawza u li l-konvenut ghandu kull interess li jippromwovi.

Ghalhekk, hawn ukoll il-Qorti jidhrilha li l-attur m’ghandux ragun.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, taqta’ u tiddeciedi li filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.”

Minn dik is-sentenza appellaw l-atturi konjugi Buttigieg permezz ta’ rikors ta’ appell tas-6 ta’ Novembru 1995 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ t-talba taghhom filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati bl-ispejjez.

Il-konvenuti appellati pprezentaw risposta ghall-appell tal-atturi fid-9 ta' Novembru 1995 u biha talbu li l-appell jigi respint bl-ispejjez.

In sostenn tal-appell taghhom l-atturi appellanti ghamlu s-segwenti sottomissjonijiet :-

1. L-ewwel Qorti ddikjarat li kollox kien jinkwadra ruhu taht l-artikolu 12 tal-Att IV tal-1992 u ziedet tghid "Il-Qorti lesta li tikkoncedi li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kienet wahda finali fit-termini tal-artikolu 12."

2. Dan ifisser, ghalhekk, li l-konvenuti kienu ai termini tal-istess artikolu msemmi ghaddew il-proprjeta' lill-Istat.

3. Tant hu hekk li l-Istat stess, wara s-sentenza definittiva, bir-responsabbilita' kollha li tali agir jimporta, beda l-proceduri necessarji, ghall-esekuzzjoni taghha. Gara pero' li l-Istat ma ghamilx dawk il-proceduri li kellu jaghmel, bhal per ezempju trasferiment tad-dritt litigjuz jew citazzjoni, izda pprova jiehu triq qasira. Meta, mbaghad sab li legalment kien ghamel l-atti zbaljati, ghamel zball iehor u rega' mar lura ghand il-konvenuti biex jiehdu t-triq il-qasira huma.. L-Istat pero' kien wera l-intenzjoni tieghu u agixxa bhala proprjetarju u bhala pussessur.

4. Minn naha taghhom il-konvenuti bil-pass li hadu wara li s-sentenza saret definittiva u cioe' billi ghaddew kollox lill-Istat biex jesegwixxi, evidentement ukoll kienu qed jifhmu li kollox kien ghadda ghand l-Istat meta kien hemm il-gudikat.

5. Il-legislatur kien car. Ma qalx fil-ligi li l-konvenut ghandu jghaddi lill-Istat il-postijiet vakanti jew wara li jesawrixxi l-atti esekuttivi, izda llimita ruhu ghall-gudizzju finali jew transazzjoni. Isegwi ghalhekk li l-ewwel Qorti marret ferm oltre meta interpretat il-ligi b'mod li fehmet li l-legislatur ried il-pussess vakant.

Minn naha tal-konvenuti appellanti s-sottomissjonijiet taghhom hija illi l-fond jibqa' proprjeta' tal-Knisja sakemm jintlahaq –iskop tas-sentenza finali. Huwa veru li l-Gvern erroneament kien ipprova jizgombra hu lill-atturi odjerni wara s-sentenza tat-22 ta' April 1993, pero', ovvjament, il-Mandat ta' zgumbrament mitlub mill-Gvern, inzamm mill-Qorti ghax il-Gvern, inzamm mill-Qorti ghax il-Gvern ma kienx parti fil-kawza ta' zgumbrament. Dan pero' ma jfissirx li b'daqshekk l-effetti tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' April 1993 sfaw fix-xejn u l-atturi jistghu, ghalhekk, jibqghu fil-fond, ghax iz-"zelqa fin-niexef" tal-Gvern mhux wiehed mill-mezzi li l-ligi tirrikonoxxi ghat-thassir tas-sentenzi tal-Qrati taghna.

Wara li kkonsidrat dak li gie sottomess, dak li hemm fis-sentenza appellata, kif ukoll dak illi hemm fl-Att IV tal-1992 illum Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ma tistax tikkonferma s-sentenza appellata li invece fl-opinjoni taghha ghandha tigi revokata.

Ir-raguni tinsab partikolarment f'dak illi jiddisponi l-artikolu 8 tal-istess Att imsemmi flimkien mal-artikolu 1 (2) tal-Iskeda, cioe' tal-ftehim, raggunt bejn il-Gvern Malti u s-Santa Sede.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skond l-paragrafu 2 tal-artikolu 1 tal-ftehim raggunt bejn il-Gvern Malti u s-Santa Sede li hu nkorporat bhala skeda fl-Att imsemmi, "eclesiastical property to be transferred to the state in terms of paragraph 1 of this article, which is the subject matter of a lawsuit to which an ecclesiastical entity is a party, shall not be transferred to the State before such suit is determined by means of a final judgement or of a compromise between the parties."

Issa m'hemmx dubbju ghaliex dan jirrizulta abbundantament mill-provi u hu pacifiku bejn il-partijiet illi l-kawza li kien hemm ghall-izgumbrament tal-konjugi Buttigieg kienet giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' April 1993 cioe' xi xahrejn u nofs wara li kienet dahlet in vigore l-Ligi li kienet timplimenta l-ftehim raggunt bejn il-Gvern Malti u l-Vatikan.

Ifisser dan fil-fehma ta' din il-Qorti illi b'effett mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, cioe' b'effett mit-22 ta' April 1993, il-proprjeta' de quo giet trasferita lill-Istat ta' Malta.

Id-diffikulta' tinqala' billi l-appellat jidher li qed jippretendi illi dan it-trasferiment kien, cioe' nonostante dak li hemm provdut fil-paragrafu 2 tal-artikolu tal-ftehim imsemmi, jibqa' sospiz sakemm l-Awtorita' Ekklesjastika tirraggungi l-iskop li ghalih kienet istitwit il-kawza u cioe' sakemm jintlahaq l-iskop tas-sentenza finali. Jidher illi l-ewwel Qorti qablet ma' din is-sottomissjoni. Pero', jidher evidenti wkoll ghal din il-Qorti illi gie sorvolat jew injorat dak li hemm provdut fl-artikolu 8 tal-Att imsemmi u cioe' illi "bla hsara ghal dak provdut fl-artikolu 4 tal-Ftehim, jew ghalfejn xi disposizzjoni ohra tal-Ftehim tipprovdi mod iehor, il-Gvern jissucidi lill-entitajiet eklesjastici f'kull dritt rejali, interessi, obbligi, pizijiet (minbarra pizijiet piji) u azzjonijiet relattivi ghall-proprjetarjiet trasferiti bis-sahha tal-Ftehim."

Ghal din il-Qorti hu car daqs il-kristall illi l-posizzjoni legali korretta fit-termini tal-Att IV tan-1992 allura hija illi una volta l-pendenza li kien hemm bejn l-Entitajiet Ekklesjastici u l-konjugi Buttigieg giet definittivament deciza in sede ta' Qorti ta' Appell fit-22 ta' April 1993, il-proprjeta' de quo ghaddiet ghand il-Gvern Civili Malti skond l-istess Ligi u Ftehim imsemmija li ssuccieda fid-drittijiet kollha li hemm riferenza

ghalihom fl-artikolu 8 tal-istess Att. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax ikun hemm dubbju li fost dawn hemm ukoll id-drittijiet litigjuzi fosthom dawk illi jezegwixxi s-sentenza li kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell. Kif u come' ghandha ssir din l-esekuzzjoni, cioe' jekk hux kif kien ittenta jaghmel il-joint office precedentement jew b'xi mod iehor, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tghidu jew tindikah ; din il-Qorti taghmel biss riferenza ghal dak li gie deciz minnha diversament preseduta fil-11 ta' Jannar 1996 in re "Paul Buttigieg vs Anthony Abela bhala Direttur tal-Ufficcju Kongunt fil-Ministeru tal-Finanzi" (Citaz. 1/94), hu fil-fehma ferma ta' din il-Qorti illi mit-22 ta' April 1993 'il quddiem id-dritt li l-imsemmija sentenza tigi esegwita ghadda ipso iure minghand l-Entitajiet Ekklesjastici li kienu rebhu l-kawza ghal ghand il-Gvern Civili.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigu akkolt, is-sentenza appellata qed tigi revokata, u t-talbiet attrici qed jigu akkolti kif mitluba.

Minhabba n-natura tal-kwistjoni l-ispejjez kemm dawk tal-Prim'istanza kif ukoll ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dep/Reg

mg